MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 717/2000/1

**Emmanuel sive Lino Mangion**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku, Michael Agius, Anne Pauline Downer gja` Agius u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Marzu 2001 giet konfermata bhala kuratrici tal-minuri Demi Leeann bint l-istess Anne Pauline Downer**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995), il-konvenuta Anne Pauline Downer welldet tarbija fl-Isptar San Luqa, liema tarbija

nghatat l-isem ta' Demi Leeann, li taghha l-attur huwa l-missier naturali;

Illi t-twelid tal-imsemmija minuri jinsab registrat fl-Att tat-Twelid numru elf sitt mija u tnejn u disghin ta' dik l-istess sena [1692/95] (Dok "A");

Illi fl-imsemmi Att, il-minuri Demi Leeann hija ndikata bhala bint il-konvenut Michael Agius, zewg il-konvenuta, ghalkemm fil-perjodu bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-imsemmija minuri, l-istess konvenut Michael Agius kien fl-impossibilita` fizika li jghammar mal-konvenuta Anne Pauline Downer;

Illi b'kuntratt tat-tletin (30) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok "B"), l-attur gharaf bhala bintu lill-imsemmija tarbija Demi Leeann;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni opportuna:

1. tiddikjara li l-attur hu l-missier naturali tat-tarbija Demi Leeann imwielda mill-konvenuta Anne Pauline Downer fit-28 ta' Jannar, 1995; u

2. tordna li l-paternita` tieghu tigi debitament maghrufa fl-Att tat-Twelid numru 1692/95 relattiv ghall-istess minuri Demi Leeann, u b'hekk tinghata kunjomu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tar-Rikors kontestwalment prezentat, filwaqt li l-konvenuti jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tat-8 ta’ Novembru 2000 u tal-21 ta’ Frar 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta’ Marzu 2001 fejn Pauline Downer giet appuntata bhala Kuratur Deputat tal-minuri Demi Leeann (fol 12 sa fol 20).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 22 fejn gie eccepit:

1. Fil-mertu illi f’dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fil-kawza odjerna;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Michael Agius u Anne Pauline Downer fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija Demi Leeann;

3. Illi bla pregudizzju, f’kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, ghandhom jigu kancellati l-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm, oltre l-fatt li l-attur ghandu jindika d-dettalji personali tieghu li huwa qed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid numru 1692/95;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

5. Illi huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 23 tal-process;

Rat il-verbali tal-20 ta’ Settembru 2001, tal-11 ta’ Jannar 2002 u tal-5 t’April 2002.

Rat in-nota tal-konvenut Michael Agius tal-5 t’April 2002 fejn iddikjara li jaqbel li t-tifla minuri Demi Leeann mhijiex it-tifla naturali tieghu u ghalhekk ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni (fol 29).

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet ta' 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-konvenuta Anne Pauline Beatrice Downer tal-5 t'Awissu 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha stess (fol 32 sa 34).

Rat in-nota tal-attur Emanuel sive Lino Mangion tal-5 t'Awissu 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 36 sa 37).

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru 2002 (fol 41).

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2002 fejn id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza gahd-29 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut Michael Agius tat-23 ta' Dicembru 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 45 sa 47).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (i) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Emanuel sive Lino Mangion** qal is-segwenti:

*"Fit-28 ta' Jannar 1995, fl-Isptar Karen Grech, Anne Pauline Beatrice Downer, weldet tarbija tas-sess femminili li ggib l-isem ta' Demi Leeann. It-twelid ta' din it-tarbija gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Certifikat tat-Twelid Numru 1692/95 u f'dan l-istess certifikat, it-tarbija giet identifikata bhala Demi Leeann Agius u bhala t-tifla ta' Anne Pauline Downer u Michael Agius.*

*Nonostante dak li hemm irregistrat f'tali Certifikat tat-Twelid, Demi Leeann fir-realta hija t-tifla naturali tieghi billi hi l-frott naturali ta' relazzjoni extrakonjugali tieghi ma' Anne Pauline Beatrice Downer, omm it-tarbija.*

*Anne Pauline Beatrice Downer kienet mizzewga ma' Michael Agius pero` l-istess Anne Pauline Beatrice Downer, ilha de facto sseparata minn ma' Michael Agius sa' mill-1994 u llum huma formalment divorzjati sa' mis-sena 2000. Anne Pauline Beatrice Downer ilha tghix hawn Malta minn Jannar ta' l-1994 u kien f'dak il-perijodu li jiena sirt nafha. Wara ftit zmien bdejna nghixu flimkien u ghadna nghixu hekk flimkien sa' llum. Ghall-habta ta' Gunju ta' l-1994 Anne Pauline Beatrice Downer marret ghal zjara fl-Ingilterra u meta giet lura wara xi hamest ijiem infurmatni li kienet xi ftit gimghat tqila.*

*Ahna mill-ewwel konna konsapevoli tal-fatt li t-tarbija kienet it-tifla naturali taghna stante li Michael Agius dak iz-zmien kien f'impossibilita fizika li jikkoabita ma' Anne Pauline Beatrice Downer stante li bejn Jannar 1994 u Gunju 1994 Anne Pauline kienet tghix hawn Malta mieghi u Michael Agius kien jghix l-Ingilterra u matul dawk ix-xhur huma ma kellhom ebda kuntatt ma' xulxin.*

*Jien irrikonoxxejt lil Demi Leeann bhala binti l-ewwel permezz ta' dikjarazzjoni maghmula flimkien ma' omm it-tarbija datata 21 ta' Mejju 1999 u sussegwentement b'mod formali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat 30 ta' Settembru 1999. Jiena naf fic-cert li Anne Pauline Beatrice Downer ma ghandha ebda oggezzjoni ghall-fatt li nigi ddikjarat bhala missier Demi Leeann u li c-Certifikat tat-Twelid jigi kkorregut fis-sens li jiena nidher bhala missier it-tifla u hija tiehu konjomi. In oltre naf ukoll li Michael Agius, ghalkemm jaf li Anne Pauline Beatrice Downer kienet tqila u eventwalment weldet lil Demi Leeann, huwa qatt ma avvanza ebda pretensjonijiet ta' drittijiet ta' paternita` fuq l-istess tifla."*

Illi fl-affidavit taghha bil-lingwa Ingliza, l-konvenuta **Anne Pauline Downer** qalet:

*"On the 28th January 1995, at Karen Grech Hospital, I gave birth to a baby girl whom I named Demi Leeann. My daughter's birth is registered in the Public Registry by means of Birth Certificate Number 1692/95. On the said birth certificate Demi Leann has been registered as Demi Leeann Agius and she has been identified as the daughter of Michael Agius.*

*Michael Agius is my former husband, we were married in 1989 and from this marriage there were born four children - Maria, Monica, Melanie and Christopher all of whom bear the surname Agius. I have been formally divorced from Michael Agius since the year 2000, however, I have been de facto separated from him since 1994 and in fact in January 1994 I left England and came to live in Malta. Following my departure from England in January 1994 I have had no form of contact with Michael Agius, particularly as husband and wife.*

*During this same period of time I got to know Emanuel Mangion. I started cohabiting with him in 1994 and still do today. In fact, Emanuel Mangion is the natural father of Demi Leeann. In early June 1994 I visited London and on my arrival there I found out that I was a few weeks pregnant. After a five-day stay in London I returned to Malta and told Emanuel Mangion that I was expecting a baby.*

*Emanuel Mangion is necessarily the natural father of Demi Leeann since between January 1994 and June 1994, Michael Agius was in a physical impossibility to cohabitate with me on account of the fact that during this time I was residing in Malta and living with Emanuel Mangion whilst Michael Agius was residing in England.*

*During the course of my pregnancy Michael Agius got to know that I was pregnant and even though knowing this fact he never claimed any form of paternal rights over Demi Leeann. As a matter of fact, since the birth of Demi*

*Leeann in 1995, Michael Agius and I have carried out the necessary procedure to obtain a dual citizenship for our four children - Maria, Monica, Melanie and Christopher. For such procedure the consent of both parents is required and in fact only they have a dual citizenship, since he confirmed by means of a statement that he was the natural father of Maria, Monica, Melanie and Christopher but not the natural father of Demi Leeann.*

*Emanuel Mangion on the other hand has always recognised Demi Leeann as being his daughter and in fact on the 21St May 1999, we made a joint declaration whereby we declared that for all intents and purposes of law, notwithstanding the Birth Certificate Number 1692/95, Demi Leeann Agius is our natural child. Furthermore, on the 30th September 1999, by means of a public deed in the acts of Notary Doctor Peter Fleri Soler, Emanuel Mangion formally acknowledged Demi Leeann as his natural daughter.*

*Thus in virtue of the above, I do not oppose to the demand being made by Emanuel Mangion for the declaration by the Court that he is the natural father of Demi Leeann and for the formal recognition of his paternity over her and the consequent correction of the Birth Certificate mentioned above so that Demi Leeann be identified as his daughter and that she bear his surname."*

Illi fl-affidavit tieghu il-konvenut **Michael Agius** qal:

*"1. Jien nigi l-ex-ragel ta' Anne Pauline Downer u ghandi l-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 365397(M) bl-indirizz Malta bhala 94, Triq Guze' Damato, Paola. Jien pero' nghix l-Ingilterra. Jien illum ghandi 46 sena. Jien kont izzewwigt lil Anne Pauline Downer f'Awissu tal-1988 u miz-zwieg taghna kellna erbat itfal u cioe' tlett ibniet u tifel. Ahna konna nghixu l-Ingilterra u fil-fatt anke zzewwigna hemmhekk.*

*2. Fl-1989 konna xtrajna post Malta, u cioe` il-post fi Triq Guze Damato fuq imsemmi, u ahna konna nghixu hafna l-Ingilterra pero' kultant ninzlu Malta. Imbaghad fl-1994*

*konna nzilna Malta biex nghammdu lill-ahhar tifel li kellna, li ga kellu tliet snin dak iz-zmien, u fil-fatt dakinhar li ghammidnieh kont organizzajt party l-Oratorju ta' Hal-Tarxien li fih stedint il-hbieb tieghi li kelli Malta. Dakinhar wara l-party konna morna d-dar u hemmhekk kellna argument jiena u l-mara tieghi u l-ghada jien allura kelli ga l-passagg maqtugh biex nirritorna l-Ingilterra, u fil-fatt tlajt l-Ingilterra, pero' marti baqghet Malta u rrifjutat li titla' lura l-Ingilterra.*

*3. Din kienet l-ahhar okkazjoni li ghexna flimkien jiena u marti. Biex inkun preciz il-party tal-okkazjoni tal-maghmudija tat-tifel, u l-gurnata li allura spiccajna bl-argument jiena u l-mara tieghi, kienet il-gurnata tal-4 ta' April, 1994. Nispjega pero' li z-zwieg ta' bejnietna kien ilu sejjer lura madwar sentejn jew tliet snin, cioe' minn ftit wara li twieled fil-fatt dan l-ahhar tifel, Christopher. Nispjega ukoll li jien, minhabba dan il-party kont inzilt mill-Ingilterra ghal hawn Malta biex norganizzah, madwar gimghatejn qabel, cioe' ghal habta tat-tielet gimgha ta' Marzu tal-1994. Marti kienet baqghet l-Ingilterra u kienet waslet lura Malta lejlet tal-party. Barra minn hekk jien, meta kont ghadni l-Ingilterra, nista' nghid li l-ahhar darba li kelli relazzjonijiet ma' marti kien madwar gimghatejn qabel ma gejt Malta u cioe' proprju ghal-habta tal-bidu ta' Marzu. Ghalhekk jiena kont cert minnufih illi meta l-ex-marti harget pregnant u twieldet din it-tarbija, din ma kinitx minn tieghi.*

*4. Fil-fatt meta jien allura tlajt lura l-Ingilterra l-ghada tal-party tat-tifel; wara xi gimghatejn cemplitli l-ex-marti biex tghidli li ma riditx titla' l-Ingilterra. Jien wara din it-telefonata iddecidejt li nerga' ninzel lura Malta u fil-fatt inzilt Malta madwar gimghatejn jew tliet gimghat wara. Meta gejt Malta sibt li marti kienet telqet mid-dar li kellna f'Guze' D'Amato Street, Paola u skond informazzjoni li gbart kienet marret toqghod x'imkien f'Paceville. Jien irnexxieli naghmel kuntatt maghha bit-telephone u ftehmna li niltaqghu nitkellmu go pub f'Paceville stess. Jien mort niltaqa' maghha f'dan il-pub u kien hemmhekk illi hi qaltli illi kienet immissjat il-period u allura kellha suspett illi kienet pregnant. Jien peress li kont naf illi c-*

*ciklu taghha kienet wiehed preciz, mill-ewwel ghidtilha li dik il-pregnancy zgur li ma kinetx gejja minni. Hi fil-fatt meta jien ghidtilha hekk, ammettiet mieghi li kellha relazzjoni mal-attur Emanuel Mangion. Jien kif smajtha tghidli hekk, qbadt qomt u tlaqt il-barra.*

*5. Minn wara din l-okkazjoni ahna bqajna nghixu separati sakemm fil-fatt fis-sena 2001 gibna d-divorzju illi gie assolut propju din is-sena. Ghalhekk jien nikkonferma illi minn mindu jien tlaqt lura l-Ingilterra wara l-okkazjoni tal-maghmudija tat-tifel, jien u marti qatt ma ghexna iktar flimkien u fil-fatt, sa fejn naf jien, marti ghexet mal-imsemmi Emanuel Mangion kif ghadha tghix mieghu sal-lum.*

*6. Ghandi nghid illi miz-zmien li ma bqajniex nghixu flimkien, jien bqajt nghix l-Ingilterra u kultant nigi Malta ftit granet, filwaqt illi l-ex-marti baqghet tghix Malta. Jekk marti qattx giet l-Ingilterra jien ma nistax nghid. Li nista' nghid huwa li ghandi qatt ma giet. Nista' nghid ukoll li minn mindu twieldet it-tifla msemmija fil-kawza, cioe' Demi Leanne, din trabbiet dejjem mill-ex-marti u l-imsemmi Emanuel Mangion."*

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi din il-kawza saret sabiex il-minuri Demi Leeann li giet registrata bhala il-bint tal-konvenut Michael Agius jigi dikjarat li Emanuel sive Lino Mangion hu l-missier naturali taghha u mhux Michael Agius. Fil-fatt l-istess Mangion qed jitlob it-tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Nru: 1692/95.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu nteress li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (FGC) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … ….” “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l’ incarnazione della formula solenne ‘pater is est quiem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’ antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’ esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’ articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il matrimonio” - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).*

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

*(1) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ denegata paternita’ a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni “pater est quae iustiae demonstrat”, u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.***

*(2) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel* ai termini *tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u*

*ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.***

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJM) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;*

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** stante li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi ai termini tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (PA (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (PA (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif*

*definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (PA (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (PA (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u "**Domenic Briffa vs Therese Fenech et"** (P.A. (RCP) deciza 30 ta' Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' "impossibilita' fizika" hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li "*l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

## (iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta pruvat li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Demi Leeann li twieldet fit-28 ta' Jannar 1995 u dan peress li l-konvenuta li kienet mart il-konvenut l-iehor Michael Agius fil-perjodu determinanti msemmi fil-ligi kienet fl-impossibilita` fisika li tikkoncepi tali tarbija minn zewgha l-konvenut peress li huma qatghu il-konvivenza taghhom flimkien minn Jannar 1994 u l-ahhar darba li ltaqghu kien biss f'Marzu 1994, b'dan ghalhekk li fattwalment impossibbli li l-istess minuri setghet qatt kienet il-wild naturali tal-konvenut Michael Agius b'xi ntervent tieghu.

Illi dan kollu hu kkonfermat mix-xhieda rispettiva tal-partijiet kollha fil-kawza bl-eccezzjoni tad-Direttur Registru Pubbliku, li ovvjament gie nkluz fil-kawza bhala l-persuna responsabbli sabiex tilqa' r-registrazzjoni tal-att tat-twelid tal-istess minuri u xejn izjed.

Illi apparti dan jidher li d-dikjarazzjoni tal-omm in partikolari tistabbilixxi dan kollu bhala fatt u dan ikompli jsahhah in-natura tal-azzjoni attrici tenut kont tal-importanza li l-ligi stess taghti ghal tali dikjarazzjoni. Din fi kwalunkwe kaz hija korroborata mix-xhieda tal-attur bhala l-missier naturali tal-istess minuri u wkoll mix-xhieda ta' dak li kien zewgha Michael Agius qabel li l-konjugi Agius iddivorzjaw formalment fis-sena 2000.

Illi jidher ukoll mill-provi prodotti li l-istess minuri qatt ma kienet tgawdi l-istat ta' bint legittima u dan peress li hija kienet dejjem maghrufa bhala bint l-attur u fil-fatt hekk imrobbija u hekk mantnuta mill-istess attur li hu wkoll irrikonoxxa l-paternita` tieghu tal-istess tifla permezz ta' kuntratt pubbliku datat 30 ta' Settembru 1999 fl-Atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler u wkoll dikjarazzjoni kongunta mal-omm datata 21 ta' Mejju 1999.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici jidher li ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut Michael Agius u tal-konvenuta Anne Pauline Downer, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-attur hu l-missier naturali tat-tarbija Demi Leeann imwielda mill-konvenuta Anne Pauline Downer fit-28 ta' Jannar, 1995; u

2. Tordna li l-paternita` tieghu tigi debitament maghrufa fl-Att tat-Twelid numru 1692/95 relattiv ghall-istess minuri Demi Leeann, u b'hekk l-istess minuri tinghata kunjomu, b'dan ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet kollha appositi fl-istess Att tat-Twelid tal-istess minuri b'dan li kull referenza ghall-missier it-tarbija bhala dik ta' Michael Agius tigi kancellata w eliminata u minflok tigi rikonoxxuta l-paternita` ta' Emanuel sive Lino Mangion bhala l-missier ta' l-istess minuri b'dan li l-konnotati kollha ta' l-istess Emanuel sive Lino Mangion jigu nseriti fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri, nkluz li Emanuel sive Lino Mangion huwa iben Nazzareno u Esther nee` Grima, mwieled il-Hamrun u residenti l-Madliena, u l-konnotati kollha l-ohra li jirrizultaw necessarji skond il-karta ta' l-Identita` tal-istess attur Nru 873253M; tordna wkoll li fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri l-kliem *"the said"* fil-konnotati dwar it-taghrif ta' l-omm ghadhom jigu kancellati u tordna li ssir kull korrezzjoni ohra necessarja skond il-ligi sabiex Emanuel sive Lino Mangion jigi ndikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri.

Tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandu jkun hemm notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera ta' l-istess sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16,** sabiex isiru l-korrezzjonijiet neccessarji b'rizultat tad-disposizzjonijiet kontenuti f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tar-Rikors kontestwalment prezentat mac-citazzjoni attrici, ghandhom jibqghu a karigu tal-attur u tal-konvenuta Anne Pauline Downer *proprio stante* li l-htiega ta' din il-kawza kienet imputabbli esklussivament ghall-agir tal-istess hawn indikati partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------